**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum il-Ġimgħa, ħamsa (5) ta' April 2024

Kawża Nru

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

Vs

**Louai Almousa**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Louai Almousa** ta' sebgħa u tletin (37) sena ta' Nazzjonalita Sirjana iben Issa u Rawda, imwieled Damascus, Sirja nhar it-tletin (30) ta' Ġunju 1986, preżentament residenti ġewwa Ħal Far Open Centre u detentur ta' Numru tal-Pulizija 24A-033 fejn ġie akkużat talli fl-erbgħa (4) ta' April 2024 u/jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-gżejjer:

1. uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi Passaport, li hu kien jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. u aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. u aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali

ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu. Tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-akkużat, għar-rigward piena l-Qorti sejra tmur fuq il-minimu tal-piena li hija obbligata li teroga fiċ-ċirkostanzi f'każ ta' sejbien ta' ħtija.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikolu 5 tal-Kap. 61, l-artikolu 189 tal-Kap. 9 u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 fuq ammissjoni tiegħu stess, qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu u qiegħda tikkundannah għal sitt (6) xhur priġunerija.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Deputat Registratur**